



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

---

**2013/2228(DEC)**

20.2.2014

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ferrovjarja  
Ewropea għas-sena finanzjarja 2012  
(2013/2228(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Michel Dantin

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ċertifikat ir-regolarità tal-kontijiet tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2012;
2. Jinnota li l-baġit annwali tal-Aġenzija għas-sena 2012 kien ta' EUR 25,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament u li r-rati ta' implimentazzjoni kienu ta' 94,9 %;
3. Ifakkar fir-rwol essenzjali tal-Aġenzija biex tiżgura s-sigurtà u l-interoperabbiltà tas-sistemi ferrovjarji fl-Ewropa; ifakkar ukoll li bħalissa qed isir rieżami tal-kompetenzi tal-Aġenzija fil-qafas tar-raba' pakkett ferrovjarju; jenfasizza, fil-każ li jitqawwew il-kompetenzi tagħha, il-ħtieġa li l-Aġenzija tingħata r-riżorsi finanzjarji, materjali u umani li jippermettulha twettaq sew il-kompiti tagħha;
- 3a. Jappella għal sede unika. L-Aġenzija għandha tkun ibbażata f'post wieħed li jkun faċilment aċċessibbli bit-trasport pubbliku b'mod li jiġu ffrankati r-riżorsi skarsi u tiżdied l-effiċjenza tal-Aġenzija;
4. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri osservat xi inċertezzi fir-rigward ta' kif kieku kellu jsir il-kontroll ta' awditjar intern, b'segwitu għal bidla strutturali li wettqet l-Aġenzija f'dan il-qasam; jieħu nota tat-tweġiba tal-Aġenzija li għandha taħtar il-Koordinatur tal-Kontroll Intern tagħha fl-iqsar żmien possibbli;
5. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri evidenzjat in-nuqqas ta' rispett min-naħa tal-Aġenzija għall-istandards ta' kontroll intern f'dak li għandu x'jaqsam mat-tkomplija tal-attivitajiet marbuta mat-teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni; jitlob lill-Aġenzija tiegħu l-miżuri korrettivi xierqa;
- 5a. Jisħaq fuq l-importanza li l-Aġenzija ttejjeb il-proċeduri ta' rekrutaġġ tagħha malajr kemm jista' jkun, peress li din il-miżura bdiet fl-2011, sabiex jiġu żgurati t-trasparenza u t-trattament indaqs għall-applikanti;
6. Jipproponi li l-Parlament jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2012.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.2.2014
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 28 -: 4 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Dominique Riquet, Brian Simpson, Giommara Uggias, Peter van Dalen, Patricia van der Kammen, Artur Zasada
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Spyros Danellis, Isabelle Durant, Eider Gardiazábal Rubial, Alfreds Rubiks, Bernadette Vergnaud, Janusz Władysław Zemke
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Birgit Sippel, Robert Sturdy